**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 337/16 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".

Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone anness bhala Dokument B".

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C.

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002).
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awissu, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma deherx u ma ipprezentax risposta;

Rat illi r-rikorrenti talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Pace;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat

illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Mejju 2014, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tawtorizza lir-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Pace, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.